# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR IMĦALLEF ROBERT MANGION**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Marzu 2025**

**Numru: 2**

**Rikors numru: 390/1992/3 JRM**

**(1) Avukat Philip ATTARD MONTALTO u Anthony Sant Fournier bħala Diretturi f'isem is-soċjetà B. Tagliaferro & Sons Limited; (2) Avukat Philip Attard Montalto f'ismu proprju u b'digriet tal-10 ta' Mejju 2005, l-atti għaddew f'isem Patricia Agius Vadalà , Edward Attard Montalto, Victoria Grech u Deborah Attard Montalto stante l-mewt tal-Avukat Philip Attard Montalto fil-mori tal-kawża; (3) Perit Austin Attard Montalto; (4) Paul Attard Montalto; (5) Reno Attard Montalto; (6) Kontessa Gladys Sant Fournier; (7) Peter Cilia La Corte, u b'digriet tal-1 ta' Lulju, 2008 l-atti għaddew f'isem John Cilia La Corte minħabba l-mewt fil-mori tal-kawża ta' Peter Cilia La Corte, u b'digriet tat-18 ta' Lulju, 2012, l-atti għaddew f'isem Mark u Paul, aħwa Cilia La Corte, wara l-mewt ta' missierhom John Cilia La Corte fil-mori tal-kawża; (8) George Darmanin u b'digriet tal-25 ta' Novembru, 2008, l-atti għaddew f'isem Helen mart Anthony Schranz,**

**Sister Margaret u Valerie mart Fredrick Galea, aħwa Darmanin, stante l-mewt ta' missierhom George Darmanin kif ukoll l-mewt ta' ommhom Maria Violetta sive Vally Darmanin fil-mori tal-kawża; (9) Hilda Debrincat, u b'digriet tad-9 ta' Lulju, 2008, l-atti għaddew f'isem Mario Tabone wara l-mewt ta' Hilda Debrincat fil-mori tal-kawża; (10) Constance Eden armla ta' Rodney Eden, u b'digriet tas-17 ta' Marzu, 2009, l-atti għaddew f'isem Richard u martu Elizabeth Micallef, u f'isem uliedhom Amanda mart Anthony Brennan u James, aħwa Micallef, minħabba l-mewt fil-mori tal-kawża ta' Constance Victoria Eden; (11) May Micallef armla tal-Kurunell Harold Micallef, u b'digriet tal-10 ta' Diċembru, 2008, l-atti għaddew f'isem Richard Micallef u martu Elizabeth Micallef, u f'isem uliedhom Amanda mart Anthony Brennan u James, aħwa Micallef, minħabba l-mewt fil-mori tal-kawża ta' Mary Octavia sive May Micallef; (12) Logotenent Kurunell Joseph Augustine Sammut, u b'digriet tal-1 ta' Ġunju, 2009 l-atti għaddew f'isem Richard u martu Elizabeth Micallef u uliedhom Amanda mart Anthony Brennan u James, aħwa Micallef, minħabba l-mewt fil-mori tal-kawża ta' Joseph Augustine Sammut; (13) Dr. Henri Anthony Ferrante Darbois, u b'digriet tal-11 ta' Ġunju, 2010, l-atti għaddew f'isem martu Minka Ferrante Darbois u wliedu Marinka, Anna sive Annie, Nadine sive Ferdinanda mart Concetto Giovanni Merola u Tanya mart Joseph Cassar, aħwa Ferrante Darbois, stante l-mewt ta' Henri Anthony Ferrante Darbois fil-mori tal-kawża; u b'digriet tas-6 ta' Marzu 2025 l-atti ġew trasfużi f'isem Marinka Ferrante Darbois, Anna sive Annie Ferrante Darbois, Nadine sive Ferdinanda Merola u Tanya Cassar minflok il-ġenituri tagħhom; (14) Francis Terence Gera; (15) Alfred Bryan Gera; u b'digriet ieħor tas-6 ta' Marzu 2025 l-atti ġew trasfużi f'isem Christine Gera, Deborah Magri, Anne Curmi f'isimha proprju u f'isem oħtha Alexia Price, minflok il-mejjet Alfred Bryan Gera; (16) Logotenant Kurunell Gerald Micallef Eynaud, u b'digriet tas-16 ta' Lulju, 2008, l-atti għaddew**

**f'isem bintu Gabrielle Anne mart il-Perit Arkitett William Carbonaro minħabba l-mewt ta' Gerald Micallef Eynaud fil-mori tal-kawża; (17) Anthony Miceli Farrugia, u b'digriet tal-15 ta' Settembru, 2008, l-atti għaddew f'isem martu Lilian, u f'isem Erminia magħrufa bħala Mimici mart Francis Vassallo, Mark Anthony, Helene mart Ivor Zammit, Marina mart Mark Hogg, Alberto u Francesca Warr, aħwa Miceli Farruġia, minħabba l-mewt fil-mori tal-kawża ta' Anthony Miceli Farrugia; u b'digriet tas-6 ta' Marzu 2025 l-atti ġew trasfużi f'isem Mark Anthony Miceli Farrugia, Helene Zammit, Marina Hogg, Alberto Miceli-Farrugia, Francesca Warr, Alexia Perotti, Adriana Camilleri Vassallo u Steffan Vassallo minflok id-defunta Lilian Miceli Farrugia; (18) Edgar Montanaro Gauci, u b'digriet tal-15 ta' Settembru, 2008, l-atti għaddew f'isem Margaret Pace u Joyce Soukas minħabba l-mewt fil-mori tal-kawża ta' Edgar Montanaro Gauci; (19) George Sclivagnotis; (20) Pascal Stivala, u b'digriet tat-2 ta' Diċembru, 2008, l-atti għaddew f'isem Rose, Anthony Vincent, Adrian John, u Alice Borg Olivier, aħwa Stivala, u Karen Camilleri minħabba l-mewt fil-mori tal-kawża ta' Pascal Stivala; (21) Alexander Tabone, u b'digriet tal-25 ta' Novembru, 2008 l-atti għaddew f'isem Joseph Bondi u martu Mary Bondi minħabba l-mewt fil-mori tal-kawża ta' Alexander Tabone; (22) Anthony Joseph Tabone, u b'digriet tad-9 ta' Lulju, 2008, l-atti għaddew f'isem Mario, Millie Rita Lachnert u Mary Rose Rostkowski, aħwa Tabone, wara l-mewt ta' Anthony Joseph Tabone fil-mori tal-kawża; (23) Joseph Vella Bonavita u b'digriet tat-12 ta' Mejju, 2015, l-atti tal-kawża għaddew f'isem l-Avukat Peter Caruana Galizia bħala mandatarju tal-assenti Roger Vella Bonavitau Martin Vella Bonavita wara l-mewt tal-attur Joseph Vella Bonavita; (24) Peter Dacoutros u Grace Pace bħala diretturi u f'isem is-soċjetà Dacoutros Investments Limited; (25) Albert Paul Mamo bħala direttur u f'isem is-soċjeta' Galdes & Mamo Limited u b'digriet tas-16 ta' Lulju, 2008 l-isem Galdes &**

**Mamo Ltd. inbidel għal Galdes & Mamo (Trading) Ltd. (C450); (26) James Gustav Gollcher f'ismu proprju u bħala *aventi causa* tal-mejjet Erik William Gollcher, kif ukoll bħala direttur u f'isem is-soċjetà O.F. Gollcher & Sons Limited u bħala amministratur, f'isem Erica Zarb McKeon mart Roland Zarb McKeon, Marianne Galea Naudi u Peteranne Minter mart Graham Minter, aħwa Scott, assenti minn dawn il-gżejjer, ilkoll bħala *aventi causa* tal-mejta Helga Scott, u b'digriet tal-10 ta' Marzu, 2015, l-atti għaddew f'isem Karen Maria Xuereb, Karl Marius Gollcher, Erica Sandra Ħili u Mark Frederik Gollcher, wara l-mewt ta' James Gustav Gollcher fil-mori tal-kawża; (27) Wilfred Karl Gollcher f'ismu proprju u bħala *aventi causa* tal-mejjet Erik William Gollcher, u b'digriet tad-9 ta' Lulju, 2008, l-atti għaddew f'isem Karl Marius Gollcher, Mark Frederik Gollcher, Karin Maria mart il-Perit Arkitett Martin Xuereb, Erika Sandra mart Marin Ħili, Erica mart Roland Peter Żarb McKeon, Marianne Galea Naudi u Peteranne mart Graham Leslie Minter, u dan wara l-mewt ta' Wilfred Karl Gollcher fil-mori tal-kawża; (28) Maġġur John Bartolomew Arrigo f'ismu proprju, u b'digriet tas-17 ta' Marzu, 2009, l-atti għaddew f'isem martu Claire Arrigo bħala użufruttwarja u f'isem uliedhom James u Philippa Mattei, aħwa Arrigo, minħabba l-mewt ta' John Bartolomew Arrigo fil-mori talkawża, u l-istess Maġġur John Bartolomew Arrigo flimkien ma' James Anthony Arrigo, bħala Diretturi u f'isem is-soċjetà Joseph Arrigo Ltd.; (29) Christopher Cassar Torreggiani bħala direttur u f'isem is-soċjetà Cassar Company Limited, u b'digriet tal-10 ta' Diċembru, 2008, isem il-kumpannija sar jaqra Cassar Torreggiani Holdings Ltd. (C29670); (30) John Ellul Sullivan bħala direttur u f'isem is-soċjetà Tug and Lighter Services Limited; (31) Olga Cauchi, u b'digriet tal-1 ta' Lulju 2008, l-atti għaddew f'isem Emily mart Reginald Spiteri, Maria mart l-Ispiżjar Joe Bondi, Victor u Thomas, aħwa Cauchi, minħabba l-mewt fil-mori tal-kawża ta' Olga Maria Cauchi; (32) Paul Asciak, u**

**b'digriet tal-10 ta' Diċembru, 2008, l-atti għaddew f'isem martu Josephine Asciak u f'isem Carmel, Michael, Marie Therese Camenzuli u Anthony, aħwa Asciak, minħabba l-mewt ta' Paul Asciak fil-mori tal-kawża; Joseph Asciak, Mary armla ta' Guido Callus, Agnes mart Joseph Galea u l-istess Joseph Galea bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u b'digriet tad-29 ta' Awwissu, 2008, l-atti għaddew f'isem Agnes Galea minħabba l-mewt ta' żewġha Joseph Galea; Albert Asciak, Carmel Asciak, u b'digriet tal-1 ta' Lulju, 2008 l-atti għaddew f'isem Emmanuel sive Noel Asciak minħabba l-mewt fil-mori tal-kawża ta' Carmel Asciak; u Bernardette Asciak, ilkoll *aventi causa* tal-mejjet Emmanuel Asciak; (33) Yolanda Demajo armla ta' Michael Demajo, u b'digriet tat-2 ta' Diċembru, 2008, l-atti għaddew f'isem l-Imħallef Albert Manchè bħala użufruttwarju ta' martu Jane u wliedu Alberta Aquilina Manchè mart Alexander Aquilina, Veronica mart Alfred Borg u John Manchè , kif ukoll Lilian Attard, Helen Miceli, Mary Balzan, Ronald Demajo, Claire Balzan, Joseph Demajo, Joseph Debono bħala użufruttwarju ta' martu Pauline u wlied il-mejta Pauline Debono li huma Daniel, Marie Therese Sammut u Martin, aħwa Debono, minħabba l-mewt ta' Yolanda Demajo fil-mori tal-kawża; u Helen Miceli armla ta' Joseph Miceli, Richard Mario Demajo, Liliana sive Lilly Attard mart Reginald u l-istess Reginald Attard bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u b'digriet tas-16 ta' Lulju, 2008, l-atti għaddew f'isem martu Liliana sive Lilly Attard minħabba l-mewt ta' Reginald Attard fil-mori tal-kawża; Joseph Marie Demajo u Jane Manche mart l-Onorevoli Imħallef Albert Manchè, u b'digriet tal-1 ta' Lulju 2008, l-atti għaddew f'isem l-Onorevoli Imħallef Albert Manchè u wliedu Alberta Aquilina Manche' mart Alexander Aquilina, Veronica mart Alfred Borg u John Manchè , minħabba l-mewt fil-mori tal-kawża ta' Jane Manchè , u l-istess Albert Manchè bħala kap tal-komunjoni tal-**

**akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu; Claire Balzan mart Louis u l-istess Louis Balzan bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, Mary Balzan mart Victor u l-istess Victor Balzan bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u b'digriet tas-16 ta' Lulju 2008, l-atti għaddew f'isem Mary Balzan minħabba l-mewt ta' Victor Balzan fil-mori tal-kawża; u Pauline Debono mart Joseph, u b'digriet tal-15 ta' Settembru, 2008 l-atti għaddew f'isem f'isem Joseph Debono u wliedu Daniel, Marie-Therese sive Marie mart Raymond Sammut u Martin, aħwa Debono, minħabba l-mewt ta' Pauline Debono fil-mori tal-kawża; ilkoll aħwa Demajo wlied il-mejjet Michel Demajo u *aventi causa* tiegħu; (34) Joseph Gauci bħala *aventi causa* tal-mejtin John Baptist Francia, Lady Blanche Francia Mifsud, Lola Francia u William Nathaniel Francia kif ukoll bħala *aventi causa* tad-ditta Messrs Giuseppe Buttigieg e Figli; (35) Maġistrat Joseph Apap Bologna, Louis Apap Bologna, Kavallier James Gustav Gollcher, Wilfred Karl Gollcher, Helma Attard mart il-Kurunell William Attard, u b'digriet tal-25 ta' Jannar, 2022, l-atti tal-kawża għar-rigward ta' terz mhux maqsum tagħha għaddew fuq isem binha Martin Frederick Attard, wara l-mewt tal-imsemmija Helma Attard fil-mori tal-kawża; u l-istess William Attard bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu u Marchesina Wilfreda Apap Bologna armla tal-Marchesino Philip Apap Bologna, ilkoll *aventi causa* tal-mejjet Kavallier Frederick Gollcher; u b'digriet tas-6 ta' Marzu 2025 l-atti ġew trasfużi f'isem Paul Apap Bologna u Louisa Debono minflok il-Maġistrat Joseph Apap Bologna u għas-sehem tagħhom mill-wirt tal-Markeżina Wilfreda Apap Bologna; u b'digriet ieħor tas-6 ta' Marzu 2025 l-atti ġew trasfużi f'isem Roberto Apap Bologna, Maria Gabriella Apap Bologna, Carlo Apap Bologna, u l-istess Roberto Apap Bologna bħala prokuratur f'isem Maria, Luigia Savina Apap**

**Bologna Guerra, assenti minn dawn il-gżejjer, għas-sehem tagħhom mill-wirt tal-Markeżina Wilfreda Apap Bologna;  u b'digriet tas-6 ta' Marzu 2025 l-atti ġew trasfużi f'isem Philip Apap Bologna, Angela Wood, Steven Apap Bologna u Alexandra sive Sandra Sant Manduca, għas-sehem tagħhom mill-wirt tal-Markeżina Wilfreda Apap Bologna;  u b'digriet ieħor tas-6 ta' Marzu 2025 l-atti ġew trasfużi f'isem Louis Apap Bologna, kemm għal dak li jirrigwarda l-ishma li wiret direttament mingħand il-Markeżina Wilfreda Apap Bologna, u kemm għal dak li jirrigwarda l-ishma li hija kienet wirtet mingħand iz-ziju tagħha Frederick Gollcher;  (36) Marion Castillo bħala prokuratriċi f'isem Winefriede Gouder u Lily Gouder u għall-interess tagħhom proprju u bħala *aventi causa* tal-mejta Maria Elvira Gouder; (37) In-Nobbli Eileen Busietta, u b'digriet tas-6 ta' Marzu 2025 il-kunjom ta' Eileen Busietta għandu jaqra Busietta Sant Fournier;  Maria Attard Montalto mart l-Avukat Philip Attard Montalto u l-istess Av. Philip Attard Montalto bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u b'digriet tas-6 ta' Marzu 2025 l-isem Maria Attard Montalto għandu jaqra Marie Attard Montalto, u li żewġha l-Av. Philip Attard Montalto m'għadux amministratur tal-beni parafernali tagħha; in-Nobbli Anthony Sant Fournier u l-Konti Alfred Sant Fournier, u b'digriet tal-1 ta' Lulju, 2008, l-atti għaddew f'isem Gladys armla tal-imsemmi Alfred Sant Fournier bħala użufruttwarja u Stephen, Simon, Sean, Sandra, Silvana mart Matthew Sultana u Sarah mart Mark Psaila, aħwa Sant Fournier, minħabba l-mewt ta' Alfred Sant Fournier fil-mori tal-kawża u lkoll *aventi causa* tiegħu; (38) Noel Schembri, Henry Schembri, Paul Schembri, Stephanie Farrugia mart Anthony Farrugia u l-istess Anthony Farrugia bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, Myriam Borg Cardona mart David u l-istess David Borg Cardona bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, ilkoll**

***aventi causa* tal-mejjet Agostino Schembri; (39) Rik. Kost. 390/92JRM 5 26 ta' Marzu, 2024 Giovanna Rosa Schembri armla ta' John Schembri, l-Avukat Dottor Joseph Anton Schembri u Anton Louis Schembri, ilkoll *aventi causa* tal-mejjet John Schembri, u b'digriet tat-18 ta' Settembru, 2008, l-atti għaddew f'isem l-Avukat Joseph Anton Schembri u Anton Louis Schembri minħabba l-mewt ta' ommhom Giovanna Rosa Schembri fil-mori tal-kawża; (40) Nobbli Corinne Ramsey armla ta' Robert Ramsey, u b'digriet tat-23 ta' Lulju, 2008 l-atti għaddew f'isem it-tifla Marie Christianne Ramsey mart Umberto Pergola, minħabba l-mewt ta' Corinne Ramsey fil-mori tal-kawża; u Nobbli Mignon Marshall armla ta' Alan Marshall, f'isimhom proprju u bħala *aventi causa* tal-mejjet Nobbli Patrick Scicluna; (41) Mary Ullo, Josephine Ullo u Elizabeth Zammit German, mart Arthur u l-istess Arthur Zammit German bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u b'digriet tal-15 ta' Settembru, 2008, l-atti għaddew f'isem Elizabeth Zammit German minħabba l-mewt ta' Arthur Zammit German; ilkoll *aventi causa* tal-mejtin Edward u Evangeline Ullo; (42) Antoine Bianchi, u b'digriet tad-9 ta' Lulju, 2008, l-atti għaddew f'isem Yolanda Nathalie sive Nathalie mart l-istess Antoine Bianchi, Nicholas, Andrè u Annemarie mart Anton Tabone, aħwa Bianchi, wara l-mewt ta' Antoine Bianchi fil-mori tal-kawża, u b'digriet tal-11 ta' Novembru, 2010, l-atti għaddew f'isem Nicholas, Andrè, u Annemarie mart Anton Tabone, aħwa Bianchi, wara l-mewt ta' ommhom Yolande Nathalie sive Nathalie Bianchi fil-mori tal-kawża; (43) Hugh Sant Fournier, u b'digriet tad-29 t'Awwissu 2008, l-atti għaddew f'isem iż-żewġ uliedu Robert Sant Fournier u Michelle Corinne Minter minħabba l-mewt ta' missierhom u minħabba li martu Gwendolyn Lorraine Sant Fournier irrinunzjat għall-wirt; (44) Adrian Busietta; (45) John Ellul Sullivan bħala Direttur f'isem is-soċjetà J.B. Sorotto Limited; (46) Professur George Edward Camilleri, Walter Charles**

**Camilleri, u Helen Felice mart Anton Felice, ilkoll bħala *aventi causa* ta' Victor Tancred Camilleri; (47) Helen Vella armla minn Louis Vella, Michael u Anna Demajo, aħwa Vella, bħala *aventi causa* ta' Louis Vella, u b'digriet tas-16 ta' Lulju 2008, l-atti għaddew f'isem Anna Demajo u Michael, aħwa Vella, minħabba l-mewt ta' Elena sive Helen Vella fil-mori tal-kawża; u b'digriet tas-6 ta' Marzu 2025 l-atti ġew trasfużi f'isem Michael Demajo minflok id-defunta Anna Demajo; (48) Anne Demajo bħala prokuratriċi f'isem Mona Bruce li hi msiefra minn dawn il-gżejjer bħala *aventi causa* tal-mejjet Maġġur Charles Vella; u (49) b'digriet tat-tmienja ta' Marzu, 1993, Wilfreda Apap Bologna ġiet awtorizzata tintervjeni *in statu et terminis*, u b'digriet tal-11 ta' Novembru, 2010, l-atti għaddew f'isem Louis Apap Bologna wara l-mewt ta' ommu Wilfrida Apap Bologna fil-mori tal-kawża**

**v.**

**L-ONOREVOLI PRIM MINISTRU TA' MALTA, il-Ministru tal-Finanzi u Dwana u Maurice Abela, Denis Degiorgio u Antonio Tagliaferro bħala komponenti, dawn l-aħħar tlieta, tal-Kunsill tal-Amministrazzjoni tan-National Bank of Malta Limited u 'in rappreżentanza tal-istess'; u b'digriet tal-15 ta' Diċembru 1992, l-Avukat Mark Chetcuti u l-Prokuratriċi Legali Carmen Depasquale nħatru Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Maurice Abela; u b'digriet tal-10 ta' Novembru, 2010, l-Avukat Patrick Valentino nħatar Kuratur Deputat minflok l-Avukat Mark Chetcuti li nħatar imħallef**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa digriet dwar talba għal rikuża.

2. Permezz ta’ rikors ippreżentat fit-12 ta’ Frar 2025, ir-rikorrenti, wara li esponew:

“1**. Bażi Legali**

Illi kif ġie ritjenut mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali f'General Workers Union v. L Avukat Ġenerali et (Rikors Numru 33/2017 deċiż fl-14 ta' Diċembru 2018) u preċedentement f'Lawrence Grech v. L-Avukat Ġenerali (Rikors Numru 37/2015 deċiż fis-7 ta' Marzu 2017) il-ġudikant għandu jirrikuża f'ċirkostanzi fejn il-biża' jew il perċezzjoni ta' parzjalità jkunu imsejsa fuq konsiderazzjonijiet oġġettivi hekk li persuna raġonevoli u mingħajr preġudizzji tagħha tasal biex hi wkoll ikollha dubji dwar l-imparzjalità tal-ġudikant u konsegwentement is-smiegħ tal-kawża da parti tal ġudikant f'tali ċirkostanzi jammonta għal vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq;

Issir referenza wkoll għat-tagħlim tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem f' sentenza riċenti tagħha tas-7 ta' Lulju 2020 fil-kawża fl-ismijiet Scerri v. Malta (applikazzjoni numru 36318/18):

> 70. As to the subjective test, tle personal impartiality of a judge must be presumed until there is proof to the contrary (see Wettstein, cited above, § 43).
>
> 71. As to the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge's conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. This implies that, in deciding whether in a given case there is a genuine reason to fear that a particular judge lacks impartiality, the standpoinit of the person concerned is important but not decisive. What is decisive is whether this fear can be held to be objectively justified (see Ilnseher v. Germany [GCJ, nos. 10211112 and 27505/14, § 287, 4 December 2018).
>
> 73. In this respect, even appearances may be of a certain importance, or, in other words, "Jusiice must not only be done, it must also be seen to be done." What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public (ibid. § 149, and Micallef v. Malta {GCJ, no. 17056/06, § 98, ECHR 2009).

Illi fl-istess sentenzi ġie ritenut li anki l-apparenzi jistgħu jkunu konsiderazzjonijiet oġġettivi li joħolqu dubji dwar l-imparzjalità tal-ġudikant;

**2. Bażi Fattwali**

Illi l-mertu ta' din il-kawża jitnissel minn sensiela ta' eventi u *policy decisions* meħuda mill-Gvern bejn l-aħħar xhur tal-1973 u nofs 1-1974

fejn essenzjalment in-National Bank of Malta ġie nazzjonalizzat sabiex inħoloq Bank of Valletta Limited, illum Bank of Valletta plc.

Ġie deċiż permezz tas-sentenzi parzjali mogħtija f'din il-kawża li dak it-teħid kien leżiv tad-drittijiet fondamentali tal-esponenti hekk kif tutelati mill-Artikolu 37 tal Kostituzzjoni.

Kif irrimarkat l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis sentenza tagħha tad-9 ta' Jannar 2014 fil-kawża Philip Attard Montalto et v. L-Onorevoli Prim Ministru ta' Malta:

> "Illi l-Qorti temmen li l-istħarriġ tal-ilment tar-rikorrenti tista' u trid tagħmlu b'mod spassjonat u b'teħid kont biss tal-provi li joħorġu mill-atti proċesswali u mit-tifsir tal prinċipji legali li jolqtu l-każ. Dan tista' u sejra tagħmlu lil hinn minn stħarriġ politiku storiku jew idejoloġiku li dan il-każ inevitabilment iqanqal miegħu kull darba li tissemma l-kwestjoni, u iżjed u iżjed mill-istħarriġ tal-motivi ulterjuri li wieħed jista' jistħa jel u jeskoġita. Ir-rikorrenti, f'biċċa l-kbira mis-sottomissjonijiet tagħhom, ħassew li kellhom jidħlu f'livell bħal dan ta' argument biex iwasslu sal-port il-każ tagħhom. Ma kellhomx għalfejn. Lil din il-Qorti dak l-atteġament la għenha u lanqas biddlilha l-konvinċiment tagħha li tasal għall-fehma li sejra tasal għaliha. Il-ġudizzju ta' din il-Qorti hija fehma legali u mhux ġudizzju politiku marbut mal-personaġġi li kienu mdaħħla f'dawk il-ġrajja. Irid, madankollu, jingħad li dak li ġara għallanqas fuq livell politiku ta' dak iż-żmien – kien sar b'fehma unanimi tal-forzi politiċi kollha fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż. Għalkemm għadda bosta żmien minn dawk il-ġrajja u minkejja s-success1oni ta' bosta amministrazzjonijiet fit-tmexxija tal-pajjiż ta' fehmiet politiċi differenti, il-każ jidher li xorta waħda baqa' sal-lum irid is-soluzzjoni tiegħu mill-Qrati u ma wasalx għal soluzzjoni milħuqa minn rieda politika. Għalhekk, huma biss kriterji ta dritt li din il-Qorti trid toqgħod fuqhom u timxi magħhom biex tasal għall-fehma tagħha dwar il-pożizzjoni tal-partijiet f'din il-kawża."

Is-silta appena ċitata ġiet riportata integralment għall-finijiet ta' kuntest, iżda l-iktar parti ċentrali hija dik evidenzjata u sottolineata.

Il-fatti li minnhom tnisslet din il-kawża kienu ta' importanza storiko-politika fondamentali u dan il-każ inevitabbilment iqanqal kwistjonijiet ta' natura politika, storika u ideoloġika.

Għalkemm is-sejbien ta' vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-esponenti jikkostitwixxi ġudikat, u issa l-mertu huwa ċirkoskritt għall-kwistjoni tar-rimedju li għalih huma intitolati l-esponenti, fil-prattika kollox għadu miftuħ għaliex il-Gvern qiegħed jargumenta li l-esponenti m'huma intitolati għall-ebda kumpens.

B'dan il-mod il-Gvern qiegħed jipprova jreġġa' lura l-arloġġ u jittanta jxejjen il-fatt tal-vjolazzjoni billi jevita li jagħti kumpens. Il-kwistjonijiet storiċi, politiċi u ideoloġiċi huma għalhekk aktar preżenti u rilevanti minn qatt qabel, anki tenut kont tal importanza tal-kumpens likwidat bis-sentenza appellata.

Huwa fatt notorju li d-deċiżjonijiet li wasslu għal din il-kawża ittieħdu minn Gvern Laburista li żamm il-maġġoranza parlamentari mill-1971 sal-1987.

Jirriżulta minn informazzjoni liberament disponibbli fuq l-Internet li l-Onorevoli Imħallef Grazio Mercieca kien kandidat tal-Partit Laburista fuq it-Tielet Distrett fl elezzjoni tal-1981.2 Sussegwentement, l-Onorevoli Imħallef Grazio Mercieca kien għal diversi snin President tas-sezzjoni ġewwa Għawdex tal-Partit Laburista u kien sussegwentement chief of staff fil-Ministeru għal Għawdex.

Illi fil-fehma tal-esponenti fiċ-ċirkostanzi teżisti biża' ċara, u kif ukoll perċezzjoni, ta' possibiltà ta' parzjalità daparti tal-Onorevoli Imħallef Grazio Mercieca tenut kont tal involviment li huwa kellu ma' Gvernijiet Laburisti tul is-snin, oltre appoġġ dirett ta' politika u aġir tal-istess Gvern meta ikkandida ruħu bħala kanditat elettorali mal istess Partit ftit snin wara l-eventi li wasslu għal din il-kawża.

F'dan il-kuntest ma jridx jintesa li anki l-apparenzi jistgħu jkunu konsiderazzjonijiet oġġettivi li joħolqu dubji dwar l-imparzjalità tal-ġudikant.

Din mhix sempliċi preokkupazzjoni tal-esponenti waħedhom, iżda huwa fattur li ġie riportat fil-gazzetti lokali (vide anness Dok. 'A' u 'B').

Hawnhekk, trid issir distinzjoni bejn iċ-ċirkostanzi tal-kawża preżenti u dawk f'Jonathan Ferris v. Is-Segretarju Prinċipali Permanenti et.' F'dak il-każ, ġie deċiż li l Onorevoli Imħallef Grazio Mercieca kien attiv fil-politika iżda waqaf saħansitra żmien qabel ma laħaq Maġistrat. Barra minn hekk, il-mertu ta' dak il-każ, li lanqas tqies li kien wieħed proprjament "politiku", twieled wara li hu laħaq ġudikant.

Hawnhekk, għandha ċirkostanzi għal kollox differenti. Il-każ huwa twieled minn deċiżjoni politika tal-Gvern tal-ġurnata li n-National Bank of Malta jiġi nazzjonalizzat, b'mod iżda li ssarraf fi ksur tad-drittijiet fondamentali tal-esponenti. Dak il-każ ġara ftit snin qabel ma l-Onorevoli Grazio Mercieca intagħżel, u aċċetta li joqgħod, bħala kandidat elettorali tal-Partit Laburista. B'dan il-mod, l-Onorevoli Grazio Mercieca wera adeżjoni mal-politika u d-deċiżjonijiet politiċi tal-Gvern Laburista li kienu ttieħdu ftit snin qabel.

Illi b'żieda ma' dana kollu jirriżulta li l-Onorevoli Imħallef Grazio Mercieca għamel numru ta' snin bħala impjegat fl-uffiċċju legali ta' Bank of Valletta. Għalhekk, jiġi sottomess illi l-Onorevoli Imħallef Grazio Mercieca għandu jikkonsidera ulterjorment jekk tali pożizzjoni professjonali toħloqx konflitt partikularment b'rabta ma' informazzjoni li huwa seta' kiseb tul is-snin li kien impjegat ta' Bank of Valletta liema informazzjoni tista' teffettwa l-ġudizzju tiegħu, anki għal dak li jirrigwarda l valutazzjoni tal-assi (inkluża proprjetà immobiljari) li ġew trasferiti minn National Bank of Malta lil Bank of Valletta Limited."

Talbu r-rikuża tal-imħallef Mercieca.

3. L-intimati l-Onorevoli Prim Ministru ta' Malta u l-Onorevoli Ministru tal-Finanzi opponew it-talba. Huma ssottomettew:

“-omissis-

Illi l-esponenti qiegħdin jopponu għat-talba tar-rikorrenti sabiex jirrikuża ruħu l-Onor. Imħallef Dr Grazio Mercieca u dan għaliex ma jeżistux ir rekwiżiti fil-Liġi (u lanqas abbażi ta' ġurisprudenza riċenti) sabiex dan iseħħ. Fil-fatt meta wieħed iħares lejn l-Artikolu 734(1) tal-Kap.12 tal Liġijiet ta' Malta u anki lejn il-ġurisprudenza, inkluz dik tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, huwa evidenti li ma jikkonkorrux l-elementi skont il-Liġi sabiex l-Onor Imħallef Dr Grazio Mercieca jiġi rikużat, u sfortunatament ir-rikors tal-esponenti huwa biss attentat sfaċċat ta' *forum shopping* u skuża sabiex jinħoloq intopp proċedurali ieħor sabiex dawn il proċeduri ta' appell jitwalu bla bżonn;

4. Illi qabel kollox l-esponenti jixtiequ jagħmlu referenza għal diversi prinċipji li jixprunaw l-istitut legali tar-rikuża. Fis-Sentenza fl-ismijiet **Sharon Rose Roche vs Avukat Generali et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 2018 intqal illi:

> "Il-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Onor. Sen. G. Strickland vs Avv. Dr. E. Mizzi**, deċiża fis-17 ta Lulju 1934, fejn il-Prim, Awla tal-Qorti Civili kienet daħlet *funditus* fil-fondament ġuridiku, sinifikat u portata tad-disposizzjonijiet tal-liġi, tad-dottrina u ġurisprudenza in propositu għal dana l-istitut (tar-rikuża). Irribadiet li d-dispożizzjoni Maltija dwar ir-rikuża ma ttieħditx minn sors wieħed, u lanqas ma ġie segwit prinċipju uniku, imma ġie mibni fuq sistema eklettika. Irriieniet li l-Liġi Maltija fuq dan l-istitut hija differenti minn dik Ingliża u minn dik Taljana. Hija aktar strinġenti minn dik Ingliża u Taljana billi hija ċirkostretta bl-artikoli 733 sa 740 Kap 12 (u llum anke b'salvagwardji kostituzzjonali u konvenzjonali). Minħabba f'hekk kien ġie konċess lill-Imħallef Malti li huwa jkun l-uniku arbitru dwar il-konformita' o meno ta' l-atti tiegħu mal-liġi meta titqajjem eccezzjoni dwar rikuża. Il-Qorti enuncjat il-prinċipju li "Is-sistema Maltija hi mibnija fuq il-premessa li "il giudice non si presume ne' parziale ne corrotto"- riflessjoni tal-massima iccitata minn Blackstone (ante) li ġie applikat fil-ġurisprudenza anke reċenti tal-Qrati tagħna. (Vide ad eż. l-**Imħ. Dottor Carmelo sive Lino Farrugia Sacco v L-On. Prim Ministru et**- QK 27/01/2014).
>
> Il-Qorti fil-kaz citat ta' **Strickland v Mizzi** irriteniet li:
>
> "Il giudice in Malta non e' protetta o non si ritiene richiedere protezione contro ricusazioni leġġiere, ingiuste, maliziose e vessatorie, appunto perche' la spiriio della nostra legge e' di nonfrapporre alcun ostacolo o limite qualsiasi al diritto dei litiganti di ricusare il giudice secondo il proprio apprezzamento difatta o di diritto. Pero' il giudice nostro gode un arbitrio discrezionale il piu' ampio, in quanto che, benche' costretto da leggi positive, egli e' il sala arbiiro della conformita' o meno dei proprii atti a tali leggi, e la sua sentenza in proposito e' inappellabile ed insindacabile .. "

Illi fis-Sentenza fl-ismijiet **A.K. v. Liechtenstein**, il-QEBD fid-9 t'Ottubru 2015 f'paragrafu 82 ġie kkunsidrat illi:

> "82. (...) the Couri agrees with the Government's argument that in small jurisdictions, excessively strict standards in respect of motions for bias could unduly hamper the administration of justice."

Illi fis-Sentenza fl-ismijiet Meznaric v. Croatia il-QEBD fit-30 ta' Novembru 2005 f'paragrafu 27 ġie kkunsidrat illi:

> "27. The Court notes that the exisience of national procedures Jor ensuring impartiality, namely rules regulating the withdrawal of judges, is a relevant Jactor. Such rules manifest the national legislature's concern to remove all reasonable doubts as to the impartiality of the judge or court concerned and constitute an attempt to ensure impartiality by eliminating the causes for such concerns. In addition to ensuring the absence of actual bias, they are directed at removing any appearance of partiality and so serve to promote the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public. Accordingly, a failure to abide by these rules means that the case has been heard by a tribunal whose impartiality was recognised by national law to be open to doubt. Provided they are not based on arbitrary assumptions, the Court will take such rules into account when making iis own assessment whether a tribunal was impartial and, in particular, whether the applicant's fears can be held to be objectively justified (see, mutatis mutandis, **Pescador Valero v. Spain**, no. 62435/00. §§ 24-29, ECHR 2003-VII; **Pfeifer and Plankl v. Austria**, judgment of 25 February 1992, Series A no. 227, p. 16, § 36; and **Oberschlick v. Austria** (no. 1), judgment of 23 May 1991, Series A no. 204, pp. 23-24, §§ 50-52)."

Illi fis-Sentenza tal-QEDB fl-ismijiet **Micallef v. Malta** (tal-15 t'Ottubru, 2009 ġie kkunsidrat illi:

> "96. As to the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge's conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. This implies that, in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge or a body sitting as a bench lacks impartiality, the standpoint of the person concerned is important but not decisive. What is decisive is whether this fear can be held to be objectively justified (see Wettstein, cited above, § 44, and Ferranielli and Santangelo v. Italy, 7 August 1996, § 58, Reports 1996-III).
>
> 97. The objective test mostly concerns hierarchical or other links between the judge and other actors in the proceedings (see court martial cases, for example, Miller and Others v. the United Kingdom, nos. 45825/99. 45826/99 and 45827/99, 26 October 2004; see also cases regarding the dual role of a judge, for example, **Meznaric v. Croatia**, no. 71615/01, 15 July 2005, § 36, and Wettstein, cited above, § 47, where the lawyer representing the applicant's opponents subsequently judged the applicant in a single set of proceedings and overlapping proceedings respectively) which objectively justify misgivings as to the impartiality of the tribunal, and thus fail meet the Convention standard under the objective test (see Kyprianou, cited above, § 121). It therefore be decided in each individual case whether the relationship in question is of such a nature and degree as indicate a lack of impartiality on the part of the tribunal (see Pullar, cited above, § 38)."

Illi fis-Sentenza tal-QEDB fl-ismijiet **Khodorkovskiy and Lebedev v. Russia** (No.2), tal-14 ta' Meju, 2020 fil-paragrafu 430 dik l-Onorabbli Qorti kkunsidrat illi:

> "430. The Court takes note of the applicants' submission to the effect that their complaint concerning Judge Danilkin's alleged bias is based not only on the information published in the media after the trial, but also on his procedural decisions during the trial. The Court observes that, while many procedural decisions taken by Judge Danilkin were indeed unfavourable to the defence, this is conceivable without the judge being biased against the defendant. To overcome the presumption of impartiality (see paragraph 425 above), which is a starting point for its analysis under the subjective test, the Court must have stronger evidence of personal bias than a series of procedural decisions unfauourable to the defence. The Court reiterates that it may not necessarily agree with all of the decisions taken by Judge Danilkin, and will scrutinise them in more detail below; however, there was nothing in them to reveal any particular predisposition against the applicants (see Miminoshvili v. Russia, no. 20197/03, § 114, 28 June 2011, and Khodorkovskiy and Lebedev, cited above, § 540)".

5. Illi stabbiliti dawn il-prinċipji, nimxu issa sabiex neżaminaw għalfejn tali talba tar-rikorrenti mhux mistħoqqa;

6. Illi jidher li l-bażi għat-talba tar-rikorrenti hija imsejsa fuq żewġ binarji u ċjoe' li fl-ewwel lok fil-passat ossia fit-tmeninijiet l-Onor. Imħallef Dr Grazio Mercieca kien kandidat fit-tielet distrett, fl-elezzjonijiet generali tas-sena 1981 mal-Partit Laburista. Għalkemm il-fatti rilevanti tal-kawża seħħew fis sena 1973 u 1974, ossia ferm qabel il-kandidatura msemmija, ir-rikorrenti jargumentaw illi d-decizjonijiet li wasslu għal din il-kawża ttieħdu biss minn Gvern Laburista li żamm il-maġġoranza parlamentari mill-1971 sal- 1987;

7. Illi qabel xejn l-esponenti jirrilevaw illi, bil-kontra tal-impressjoni li dejjem jippruvaw jagħtu r-rikorrenti, din il-kawża hija kontra l-Istat Malti u mhux kontra l-Partit Laburista, u qed jiġi trattat mhux agir ta' partit jew ieħor izda decizjonijiet meħuda mill-Istat f'cirkostanzi fejn il-pajjiz kien rinfaċċat bil-falliment ta' bank li kien se jkollu riperkussjonijiet serji fuq l-ekonomija in ġenerali u ġġib lill-pajjiż għarrkuptejħ. Kif anki osservat dina l-Onorabbli tagħha tal-14 ta' Ottubru 2014, "il-mizura li ha l-gvern kienet waħda leġittima. Kienet miżura kawtelattiva leġittima meħuda fid-dawl tal-fatt li l-Bank kien fix-xifer tal-falliment kawżat mir-*run* li ħakkmitu" (paragrafu 20). L-esponenti jirrilevaw illi kull gvern sussegwenti għal dak tal-1971 dejjem zamm din l-istess posizzjoni ossia li jiddefendi l-posizzjoni tal-istat Malti fuq din il-materja ossia li l-intervent tal-Gvern kien neċessarju. In fatti din il-kawża ġiet intavolata fis-sena 1992 u baqgħet tissussisti bil-gvern tal gurmata jiddefendi l-posizzjoni tal-istat Malti taħt amministrazzjonijiet diversi, kemm taħt amministrazzjoni ta' Gvern Laburista u kif ukoll taħt amministrazzjoni ta' Gvern Nazzjonalista. B'hekk, l-argument tar-rikorrenti diga' m'għandu ebda sieq fuq xiex jistrieħ;

8. Illi lill-hinn minn dan, ir-rikorrenti b'ebda mod ma mexxilhom juru illi l-Onor. Imħallef Dr Grazio Mercieca kellu xi involviment dirett jew indirett fir-rigward ta' decizjonijiet li ttieħdu fis-snin 1973 u 1974, tant li lanqas biss kellu nvolviment propju fil-Partit laburista f'dak iż-żminijiet, u wisq inqas fil-Gvern ta' dak iż-żmien. Kwindi, il-presunzjoni tar-rikorrenti illi huwa b'xi mod ta' xi adeżjoni għad-decizjonijiet ta' amministrazzjonijiet preċedenti hija allegazzjoni mogħtija in vacuo, b'ebda prova diretta jew indiretta ma ingabet quddiem din l-Onorabbli Qorti. Ir-rikorrenti donnhom qiegħdin jgħidu illi kwalsiasi kandidat għal elezzjoni generali jgorr miegħu dak li jkun wettqu għaxar jew għoxrin sena qabel amministrazzjonijiet oħra - daqshekk ma tagħmilx sens l-argumentazzjoni tar-rikorrenti;

9. Illi l-fatt illi l-Onor. Imħallef Dr Grazio Mercieca kien Chief of Staff fil-Ministeru għal Għawdex m'għandha ebda impatt dirett jew indirett fuq il-kawża. Ibda biex, il-Ministeru għal Għawdex mhux intimat f'dawn il-proċeduri u m'għandu x'jaqsam xejn mal-mertu tal-kawża. Aktar minn hekk, tul is-sejħa tiegħu sabiex iservi bħala Imħallef, l-Imħallef Mercieca wettaq l-inkarigu tiegħu b'mod onorevoli, u fil-fatt ir-rikorrenti ma ġabu ebda prova ta' imqar ombra ta' parzjalita' mill-Onor. Imħallef Mercieca fid- decizjonijiet tiegħu li jinvolvu l-Gvern jew entitajiet tal-Gvern. Dan ifisser illi l-argument tar-rikorrenti illi l-passat ta' l-Onor. Imħallef Mercieca qiegħed b'xi mod itappan l-element tal-apparenza tal-ġustizzja huwa argument wkoll ma jreġġix, u li kieku kellu jiġi abbraċċat minn dina l-Onorabbli Qorti jkun ifisser li kull ġudikant li fil-passat tiegħu, b'xi mod jew ieħor, mess ma' partit politiku jew imqar xi darba esprima xi fehma politika jista' jiġi rikużat f'kull kawża li tista' tinvolvi xi deċiżjoni tal-Gvern;

10. Illi r-rikorrenti jilmentaw li din m'hijiex preokuppazzjoni tagħhom biss imma kienet preokupazzjoni rappurtata anki f'gazzetti lokali. Bir-rispett dovut, ir-rapport li r-rikorrenti esebew huwa rapport generali għall-aħħar, fejn jiġi rapurtat l-allegata impressjoni li diversi avukati (b'mod ġenerali) huma preokkupati bl-assenjazzjoni tal-kawzi ta' stharrig gudizzjarju. Ibda biex, din il-kawża ma tikkonċernax proċeduri ta' stħarriġ ġudizzjarju. Illi apparti dan, l-artikolu jagħti l-impressjoni li m'huwiex sostanzjat b'ebda referenza diretta għal ebda parti jew avukat. Mis-sena 2018 sal-ġurnata ta' llum l-Imħallef Mercieca ppresjeda diversi kawżi u ta diversi sentenzi li jinvolvu dipartimenti u Ministri tal-Gvem tal-ġurnata u ma tqajmet ebda kwistjoni ta' nuqqas ta' indipendenza jew imparzjalita`. Kwindi, it-*track record* tal-Imħallef Mercieca jitkellem waħdu. Huwa pależi li din il-preokuppazzjoni hija tar-rikorrenti u m'hijiex fondata;

11. Illi t-tieni binarju tar-rikorrenti konċernanti r-raġuni għalfejn għandha sseħħ ir-rikuża tal-Imħallef Mercieca hija bbażata fuq allegazzjoni illi l-Imħallef għamel diversi snin bhala "impjegat fl-uffiċċju legali tal-Bank of Valletta" u li allura, dejjem skond ir-rikorrenti, seta' kellu aċċess għal xi informazzjoni "li tista' teffettwa l-ġudizzju tiegħu." Fl-ewwel lok, din hija allegazzjoni tar-rikorrenti li ma ġietx riskontrata b'ebda fatt tangibbli fit-talba tar-rikorrenti stess;

12. Illi lil hinn minn dan, din il-kawża mhux imsejsa kontra l-Bank of Valletta. Il-Bank of Valletta ġie kkrejat bħala bank ġdid, liema bank kif diġa` argumentat quddiem l-Ewwel Qorti u quddiem din l-Onorabbli Qorti fir-rikors tal-appell u fir-risposti huwa bank ġdid, distint min-National Bank, li biex ġie krejat kien hemm bżonn li l-Gvern jinjetta fih LM 3.2 miljun bħala kapital minn flus il-poplu.

13. Illi l-allegazzjoni illi l-Imħallef Mercieca seta' kiseb informazzjoni dwar l-assi tal-Bank of Valletta u n-National Bank of Malta bħal li kieku kien xi direttur u/jew *financial controller* ta' dawn iż-żewg banek tirrażenta l-assurd. Dwar dan ma nġabet ebda prova;

14. Illi in ogni caso, l-esponenti jagħmlu referenza għal kawża deciza minn dina l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, pero' fejn kien qiegħed jippresjedi wkoll l-Imħallef Mercieca ossia dik fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c (c 2833) vs Renald Camilleri (306/2018/2LM) deċiża fil-5 ta' Marzu 2024 l-appell tal-Bank of Valletta ġie micħud. F'dawk il-proċeduri ma jidhirx li tqajjem ebda dubju fuq l-imparzjalita' u indipendenza tal-Imħallef sedenti propju f'kawża fejn l-appellant kien il-Bank of Valletta. B'hekk, anki fl-isfond ta' dik il-ġurisprudenza, din ir-raġuni wkoll m'hijiex waħda tajba sabiex l-Imħallef Mercieca jiġi rikużat."

**Ikkunsidrat:**

4. It-talba tar-rikuża tal-Imħallef Mercieca hija bbażata fuq żewġ ċirkostanzi: (i) li fil-1981 kien kandidat għall-elezzjoni ġenerali mal-istess partit politiku li kellu l-maġġoranza parlamentari mill-1971 sal-1987 u (ii) li għal numru ta' snin kien impjegat mal-Bank of Valletta.

**Kunsiderazzjonijiet dwar l-ewwel ċirkostanza.**

5. Ir-rikorrenti jsostnu li dan l-każ twieled minn deċiżjoni politika tal-Gvern ta' dak iż-żmien li n-National Bank jiġi nazzjonalizzat, b'mod li ssarraf fi ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom. Li permezz tal-

kandidatura tiegħu, l-Imħallef Mercieca wera adeżjoni mal-politika u d-deċiżjonijiet politiċi ta' dak il-Gvern li kienu ttieħdu snin qabel.

6. Huwa stabbilit kemm mid-deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati, kif ukoll mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li m'hemmx għalfejn joqogħdu jiġu ċċitati hawnhekk, għaliex huma magħrufin sew, li l-fatt li mħallef ikun fil-passat ikkandida ruħu ma' partit politiku ma jsarrafx, waħdu, għall-imparzjalità tiegħu f'kawżi li jinvolvu lil dak il-partit. Jista' iżda jkun hemm imparzjalità kemm-il darba l-imħallef ikun involva ruħu fl-avveniment partikolari li jkun mertu ta' litigazzjoni li tiġi quddiemu.

7. Id-deċizjonijiet tal-Gvern mertu ta' din il-kawża seħħew fis-snin 1973-1974. L-Imħallef Mercieca ikkandida ruħu seba' snin wara. Fil-1973 u l-1974 kien student fultajm ta' sittax u sbatax-il sena u ma kellu l-ebda involviment, la dirett u lanqas indirett, mad-deċiżjonijiet *de quo.* Tassew li r-rikorrenti mhumiex qegħdin jallegaw involviment ta' dan it-tip, imma jallegaw li kien hemm l-adeżjoni mal-istess deċizjonijiet *ex post facto* sitta jew seba' snin wara li ġew meħuda. Dan l-argument ma jreġix. Kandidat ma jissottoskriviex ruħu ma' deċiżjonijiet passati, imma, *se mai*, ma' programm elettorali li, jismu miegħu, huwa xi ħaġa pproġettata li ssir fil-futur.

8. Barra minn hekk, l-Imħallef Mercieca la qabel, la waqt, u lanqas wara l-kandidatura tiegħu ma qatt esprima xi opinjoni dwar il-fatti mertu ta' din il-kawża. Lanqas ir-rikorrenti mhuma qegħdin jallegaw hekk.

9. Il-Qorti Kostituzzjonali[1] kellha l-okkażjoni li tesprimi ruħha dwar rikuża li ntalbet f'ċirkostanzi li jqarrbu dawk mertu ta' din il-kawża. Il-mibki Onorevoli Mħallef Carmelo Farrugia Sacco tressaq quddiem il-Kummissjoni Għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja minħabba allegat bejgħ klandestin ta' biljetti tal-logħob Olimpiku f'Sochi. Fost il-membri tagħha hemm il-President tal-Kamra tal-Avukati, li nzerta kien l-avukat Dottor Reuben Balzan. L-Imħallef ilmenta li dan kellu (ċjoe` dak iż-żmien stess, u mhux fil-passat) konnessjonijiet kbar ma' esponenti tal-Partit Nazzjonalista, fosthom l-Onor. Dottor Simon Busuttil, li, flimkien mal-Prim Ministru ta' dak iż-żmien, talbu b'mod voċiferu u fil-pubbliku għar-riżenja tar-rikorrent mill-kariga ta' mħallef:

> "59. Ir-rikorrent jgħid "Hu ovvju li jekk jien partitarju kbir ta' Partit irid jiġbed il-ħabel tiegħu!» Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument għax il-pożizzjoni tal-Avukat Balzan trid titqies u tiġi eżaminata mill-ottika legali. Anke jekk l- Avukat Balzan huwa, fi kliem ir-rikorrent, partitarju kbir ta' partit politiku u jimmilita fih dan ma jeħilsux bħala membru tal-Kummissjoni mill-obbligu tiegħu li jiddeċidi skont il-ġudizzju individwali tiegħu u meħlus minn kull direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorita` oħra. Mhuwiex ovvju, u lanqas hu legali, li l-Avukat Balzan qua membru *ex officio* tal-Kummissjoni għandu jqiegħed il-lejalta` lejn xi possibbli affiljazzjoni politika tiegħu u jiġbed il-ħabel ta' dak il-partit qabel il-lejalta` lejn il-ġurament li huwa ħa u l-obbligi li l-Kostituzzjoni tqiegħed fuqu fil-kwalita` tiegħu ta' membru tal-Kummissjoni u għaż-żmien kollu li

[1] **L-Imħallef Dottor Carmelo sive Lino Farrugia Sacco vs l-Onor. Prim Ministru, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja** 27.01.2014 Qorti Kostituzzjonali.

> dan idum hekk iservi fi ħdanha. Hu mhuwiex jagħmel parti mill-Kummissjoni bħala membru ta' partit politiku, iżda huwa membru nominat *ex officio* fil-kwalita` tiegħu ta' President tal-Kamra tal-Avukati, u jirrappreżenta lill-kategorija tal-avukati kollha, u għalhekk l-affiljazzjoni tiegħu ma' partit politiku jew xi esponenti ewlenin tiegħu hija, għal dan il-għan, irrelevanti.
>
> 60. Inoltre, kif korrettament osservat mill-ewwel Qorti, ma hemmx prova jew saret xi allegazzjoni li dan il-membru esprima ruħu b'xi mod fir-rigward tal-mozzjoni, jew dwar ir-rikorrenti. Fid-depożizzjoni tiegħu l-Avukat Balzan jgħid espressament : «Jien qatt ma ddiskutejt ma' Dr.Busuttil dwar il-każ ».
>
> 61. Finalment, huwa sinifikattiv kif anke fir-rigward ta' dan il-membru l-Kummissjoni unanimament ċaħdet l-eċċezzjoni tar-rikuża mressqa quddiemha mir-rikorrent appellant.
>
> 62. Għaldaqstant il-Qorti ssib li dan l-ewwel aggravju tal-appellant huwa nfondat."

10. Fil-kawża suċċitata, għalhekk, il-Qorti Kostituzzjonali irrifjutat l-allegazzjoni ta' imparzjalità saħansitra f'każ ferm iktar "estrem" minn dak preżenti fejn l-involviment tal-ġudikant (li ma kienx Imħallef bis-*security of tenure*) ma' partit politiku fil-Gvern kien fil-preżent, u mhux fil-passat; u l-għajta biex jitneħħa l-Imħallef kienet ukoll waħda li kienet għaddejja dak iż-żmien stess.

11. Fil-bran mis-sentenza ċċitata mir-rikorrenti, dik il-Qorti, wara li rrimarkat li hija kienet sejra tiddeċiedi l-kawża fuq punti legali, u mhux fuq stħarriġ politiku-storiku jew idejoloġiku li r-rikorrenti bbażaw ħafna mis-sottomissjonijiet tagħhom, żiedet tgħid li:

> "(i) "dak li ġara – għallinqas fuq livell politiku ta' dak iż-żmien – kien sar b'fehma unanimi tal-forzi politiċi kollha fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż"

kif ukoll li:

> (ii) "Għalkemm għadda bosta żmien minn dawk il-ġrajja u minkejja s-suċċessjoni ta' bosta amministrazzjonijiet fit-tmexxija tal-pajjiż ta' fehmiet politiċi differenti, il-każ jidher li xorta waħda baqa' sallum irid is-soluzzjoni tiegħu mill-Qrati u ma wasalx għal soluzzjoni milħuqa minn rieda politika".

12. Għalhekk l-azzjonijiet li ttieħdu nofs seklu ilu fin-1973-1974 ma jidhirx li kienu marbutin ma' xi idejoloġija partikolari ta' xi partit politiku partikolari.

13. Il-fatt li l-Imħallef Mercieca kien *chief of staff* tal-Ministru għal Għawdex madwar erbgħin sena wara l-akkadut m'għandu ebda impatt, la dirett, u lanqas indirett, fuq il-kawża tal-lum.

14. Il-preokkupazzjoni rrapportata fil-gazzetti lokali tikkonsisti f'rapport ġenerali għall-aħħar dwar allegata impressjoni ta' diversi avukati (mhux imsemmi min kienu) u tikkonċerna proċeduri ta' stħarriġ ġudizzjarju, li mhuwiex il-każ hawnhekk. Rapport ta' natura ġenerika u moħmija min jaf b'liema aġenda f'ġurnal m'għandux jitqies bħala vanġelu u li jistħoqqlu jiġi ċċitat u esibit fi proċedura ġudizzjarja.

15. X'jistgħu qegħdin jaħsbu r-rikorrenti huwa importanti, imma mhux deċiżiv. Dak li hu determinanti huwa jekk il-biża' jew dik il-perċezzjoni

humiex imsejsin fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi hekk li persuna raġonevoli u mingħajr preġudizzji tasal biex hi wkoll ikollha dubji dwar l-imparzjalità tal-ġudikant.[2]

16. Xhieda oġġettiva hija bla dubju kif l-Imħallef Mercieca ikkomporta ruħu waqt il-qadi ta' dmirijietu. Kif jgħidu l-Ingliżi, *"the proof of the pudding is in the eating".* Sa mill-2018 l-imħallef Mercieca ddeċieda għadd kbir ta' kawżi ta' dan it-tip, kif ukoll kawżi ta' xejra kostituzzjonali, u ħadd ma talab ir-rikuża tiegħu, għajr fil-każ ta' Ferris, iċċitat mir-rikorrenti stess, fejn it-talba ġiet rifjutata u ma ġietx attakkata. Lanqas intalbet rikuża tiegħu f'każ li fetaħ (u rebaħ) il-Partit Nazzjonalista kontra L-Awtorità tax-Xandir, il-Public Broadcasting Services, il-Ministru Responsabbli mix-Xandir Pubbliku u l-Avukat tal-Istat dwar żbilanċ kontrih fix-xandir.[3] Anzi, is-sentenza ġiet imfaħħra f'pubblikazzjoni legali minn awtur Nazzjonalist prominenti.[4]

17. Fl-aħħarnett dwar l-ewwel ċirkostanza, l-Imħallef Mercieca huwa, flimkien ma' mħallef ieħor, l-ewwel ġudikant fl-istorja ta' Malta li la ntagħżel u lanqas ma ġie rakkomandat mill-Eżekuttiv, imma mill-Judicial Appointments Committee mwaqqaf permezz tal-Art. 96A tal-Kostituzzjoni

---

[2] **Lawrence Grech et v Avukat Ġenerali et** 17.03.2017 Qorti Kostituzzjonali. Ara wkoll fost l-oħrajn **Morel v France** 06.06.2000 ECHR 2000-VI (44) iċċitata minn Karen Reid, 5th Ed. (2015) A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights, para. 16-010, footnote Nru. 26.

[3] **Partit Nazzjonalista v. L-Awtorita` tax-Xandir et**. 14.07.2022.

[4] Francis Zammit Dimech, The Role, Duties and Obligations of the Public Service Broadcaster in Malta (2022) iddeskriva s-sentenza bħala "*a landmark judgment*" f'paġna 231.

ta' Malta, wara applikazzjoni tiegħu stess.

**Kunsiderazzjonijiet dwar it-tieni ċirkostanza.**

18. L-impieg tal-Imħallef Mercieca mal-Bank of Valletta huwa totalment estranju għal din il-kawża. L-Imħallef sar impjegat tiegħu snin wara li twaqqaf. Huwa qatt ma kellu informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-assi li ġew trasferiti min-National Bank of Malta lill-Bank of Valletta Limited, u wisq inqas ta xi parir dwar dan.

19. Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba għar-rikuża tal-Imħallef Mercieca.

| | | |
|---|---|---|
| Robert Mangion<br>Aġent President | Grazio Mercieca<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss